# XEWQAT

Nixtieq kont warda minnek imsoqqija
Sabiex b'riħiti lilek jien inħenni;
Nixtieq kont għajta fil-widien moħbija
Sabiex ta' kliemek hemm il-ħlewwa ntenni.

Kieku kont kewkba fis-smewwiet fuqana,
Jiena fl-iljeli noħroġ lejk nittawwal;
Inb'għad bid-dija tiegħi ftit bajdana
Sbuħitek u ħlewwietek kont indawwal.

Ah! li kont jiena ż-żiffa fewweġija
Fuqek kont niġi u l'xagħrek nibda mmelles;
Ħdejk kont inġib kull riħa fewweħija,
U bla ma nehda l'wiċċek jiena mbewwes.

Nixtieq li f'waħda qalbna tkun magħquda
Biex minn xulxin ma nkunu qatt mifruda.

25—5—31 CARM. VELLA.